MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru 1113/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**

**Liu Aiguo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Liu Aiguo ta’ 51 sena iben Liu Zhixin u Jinzhuang You imwieled ic-Cina fit-2 t’Ottubru 1957, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ nru 0020378A u passaport Ciniz nru G 13096243 u joqghod nru 16, ‘Daniela’ Triq Tal-Buttar, Marsaskala.

Billi gie akkuzat talli nhar il-30 t’Ottubru 2008 ghal-habta ta’ 16.30hrs fi Triq il-Kbira San Guzepp fil-Hamrun ,(a) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li

kien qed issuq karozza tal-marka Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni IBJ679 kkaguna incident stradali li fieh ikkaguna offiza ta' natura gravi li ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fill-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tall-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh u li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Brandon Galea minn Hattard, kif gie ccertifikat minn Dr. Bernice Vella MD tal-isptar Mater Dei, . bi ksur tal-art. 226(1b) tal-kap 9 tall-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA4 u nnutat li l-imputat Liu Aiguo m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat tramite l-interpreti wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat tramite l-interpreti bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat tramite l-interpreti rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Liu Aiguo fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-

kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u l-fedina penali netta tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Liu Aiguo ghall-piena ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-sub-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Liu Aiguo milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------